MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 722/2008

**Fl-atti tal-ittra ufficjali ppresentata nhar it-23 ta’ Gunju 2008 mill-Agent Kontrollur tad-Dwana kontra Kevin Attard f’ismu propju u ghan-nom tas-socjeta’ Customs and Freight Agency Limited ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap 12**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrent Kevin Attard f’ismu propju u bhala direttur tal-kumpanija Customs and Freight Agency Limited ippremetta:-

Illi huwa gie notifikat b’ittra ufficjali lilu mibghuta mill-Agent Kontrollur tad-Dwana b’dikjarazzjoni guramentata annessa ghall-finijiet u l-effetti tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u fejn hu gie interpellat ihallas is-somma ta’ erbatax il-elf erba mija u erbatax il-euro u sittax il-centezmu (€14,414.16).

Illi fit-termini tal-istess ittra ufficjali l-Agent Kontrollur tad-Dwana qed jikkontendi li l-ammont fuq imsemmi huwa dovut mill-esponent bhala hlas ta’ dazju fuq importazzjonijiet ta’ hut bejn Ottubru 2004 u Frar 2006.

Illi bil-presenti u fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 466 tal-Kap 12 l-esponent qieghed ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi jopponi t-talba kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata lilu notifikata permezz tal-ittra ufficjali surreferita.

Illi in effetti l-esponent jikkontendi li fil-perijodu ndikat kull hut minnhu importat dejjem kellu d-dazju dovut fuqu debitament imhallas.

Illi di piu it-TDID/SAD elenkati fid-Dok B anness mal-istess dikjarazzjoni guramentata kienu importazzjonijiet ta’ hut maghmul minn terz u mhux mill-esponent, u, se mai mhux imhallas, l-obbligu tal-hlas ghad-dazju kien jispetta lit-terz importatur b’mod illi, ghalhekk, it-talba tal-Kontrollur tad-Dwana ghandha tigi diretta versu l-istess.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent fil-kwalita tieghu kif fuq premessa qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Agent Kontrollu tad-dwana ghall-hlas ta’ erbatax il-elf erba mija u erbatax il-euro u sittax il-centezmu (€14,414.16) bhala infondata u dan taht dwak il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Agent Kontrollur tad-Dwana fejn gie sottomess:-

Illi rigward it-talba ghal hlas ta’ erbatax il-elf erba’ mija u erbatax il-euro u sittax il-centezmu (€14,414.16) mitluba mill-esponent, din is-somma ghadha dovuta fl-intier taghha sallum, u hija dovuta mir-rikorrent f’ismu propju u bhala direttur ghan-nom tal-kumpanija Customs and Freight Agency Limited.

Ghahekk l-Agent Kontrollur tad-Dwana talab li l-imsemmija talba tar-rikorrent propio et nomine tigi michuda bl-ispejjez kontrih.

Semghat lir-rikorrenti.

Semghat lix-xhieda msejjhin mir-rikorrent.

Rat l-affidavit tar-rikorrent.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-intimat.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti propio et nomine.

Rat in-nota resposiva tal-intimat.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidrat:-

**Fatti**

Jidher li l-intimat Agent Kontrollur tad-Dwana kellu suspetti illi r-rikorrent kien qieghed ihallas inqas dazju minn dak illi kien verament dovut  u dan fuq importazzjoni ta’ hut. Saru l-investigazzjonijiet relattivi mill-awtoritajiet konċernati u fil-kors ta’ dawn l-investigazzjonijiet gew ezaminati l-importazzjonijiet ta’ hut frisk mill-Oman. Irrizulta minn dawn l-investigazzjonijiet li r-rikorrent Kevin Attard propio et nomine kien qed ipprocesa dokumenti ghal diversi bejjiegha tal-hut. Inoltre skond l-intimat din l-importazzjoni kienet effettivament qed issir mir-rikorrent nonostante li kienet qed issir f’isem bejjiegha ta’ hut ohra u dan a bazi ta’ licenzja ta’ importazzjoni li kienet esklussiva ghall-bejjiegha tal-hut lokali.

Permezz ta’ Ittra Ufficjali in kwestjoni li giet ipprezentata fit-23 ta’ Gunju 2008 (numru 1933/08), il-Kontrollur tad-Dwana beda proceduri ġudizzjarji fil-konfront tar-rikorrent f’ismu propju u kif ukoll bhala direttur ghan-nom tas-Socjeta’ Kummercjali Customs and Freight Agency Limited (C17475), sabiex jingabar il-bilanċ tad-dazju li allegatament kellu jithallas in konnessjoni ma l-importazzjoni ta’ hut in kwestjoni. Il-perjodu in kwestjoni, hawnhekk hu bejn Ottubru 2004 u Frar 2006 u l-

pretensjoni tal-intimat ghad-dazju allegatament mhux imhallas tammonta ghas-somma ta' €13414, 16.

Fir-rikors promotur tieghu, maghmul ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti ddikjara li m'għandux ihallas l-ammont pretiz stante li l-importazzjonijiet in kwestjoni ma sarux minnu izda saru effettivament minn terzi persuni. Minn naha tieghu l-intimat Agent Kontrollur tad-Dwana jikkonferma u jsostni l-kontenut tal-imsemmija ittra ufficjali tieghu.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Permezz tal-presenti azzjoni r-rikorrenti qed jittanta jżomm milli ssir eżekutiva l-ittra ufficjali in kwestjoni lilu mibghuta mill-intimat Agent Kontrollur tad-Dwana u liema ittra ufficjali tikkontjeni t-talba għall-ħlas ta' dazju allegatament evaz u cioe' ma giex imhallas mir-rikorrent propio et nomine.

Jirrizulta li r-rikorrenti Kevin Attard hu l-uniku direttur tas-socjeta' konvenuta Customs and Freight Agency Limited.

Fi kliem l-istess rikorrent in-negozju tal-imsemmija socjeta' rikorrenti hu li timporta l-ħut ghan-nom tal-klijenti taghha u b'hekk kienet tiehu hsieb ukoll li ssir id-dokumentazzjoni kollha necessarja sabiex l-imsemmija importazzjoni tkun tista ssehh.

L-intimat Kontrollur tad-Dwana jallega li x-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent propio et nomine ma kienx limitat ghas-semplici funzjoni ta' "*clearing customs agent"* kif del resto jsostni l-istess rikorrent. Skond l-intimat ir-rikorrenti propio et nomine kien ukoll qiegħed jagħmel użu mill-liċenzja ta' bejjiegħa ohra lokali tal-ħut sabiex jixtri u jimprta l-ħut frisk mill-Oman u ghalhekk effettivasment kien hu stess li kien qed jimporta l-hut.

Dejjem skond l-intimat ir-rikorrenti kellu taħt idejh il-kontroll tal-ħlas u tal-bejgħ ta' hut frisk li kien qed jigi importat mill-imsemmi pajjiz u li kien hu li kien jitlob ħlas għall-ħut li kien qed jiġi importat a dan bażi tal-ftehim ta'

esklussivita li kellu l-istess rikorrenti ghall-importazzjoni ta' hut mill-Oman. Sussegwentement kien l-istess rikorrent li kien iħallas lill-esportaturi tal-Oman.

Mid-deposizzjoni tal-Ispettur Ian Abdilla (fol.70) jirriżulta liema investigazzjoni saru mill-Pulizija u x'riżultati taw dawn l-investigazzjonijiet. Minn din ix-xhieda jirriżulta illi Kevin Attard kien qiegħed joħroġ tliet fatturi, waħda oriġinali, oħra bi prezz aktar għoli għall-importaturi. B'hekk huwa seta jagħmel profitt għaliex huwa kien qiegħed juri illi xtara l-ħut b'ammont meta fil-fatt kien ikun xtrah ferm anqas. Inoltre, Kevin Attard kien juri fattura b'ammont baxx lil Dwana (fol.72). L-imsemmi xhud qal ukoll - "*fil-fatt mill-eżami li sar min naħa ta' Cyber Crime Unit fuq il-computers li elevajna mingħand Kevin Attard, irriżultalna li kien hemm e-mails kemm lil Oman Fisheries kif ukoll lill-espotatur ieħor, ċioe Masirah C Fish Products, fejn huwa kien qed jitlob li jingħata invoice bi prezz baxx għall-finijiet tad-Dwana.*"

L-istess xhud kompla jikkonferma li - "*dak l-ammont illi ġie indikat lilna kien effettivament irriżultalna li kien ġie evaż bħala dwana.*"

Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li r-rikorrenti Kevin Attard pro et noe kien jiffalsifika fatturi bil-għan li jintwera valur ogħla lill-bejjiegħa lokali filwaqt illi juri valur aktar baxx minn dak reali lid-Dwana u dana skond il-fatturi li kienu jigu ppreżentati lill-istess Dwana.

L-Ispettur tad-Dwana Mario Galea fis-seduta tas-27 ta' April 2009 (fol.20) ikkonferma li effettivament mill-investigazzjonijiet taghhom kien irrizulta li l-importatur kien ir-rikorrent minkejja li fuq id-dokumenti hemm indikat li l-importaturi kienu nies ohra. L-istess xhud ikkonferma li l-importazzjonijiet li saru fuq isem Ice Products, C&L Calleja, Bugeja Fish Shop u Micallef Fish Shop u cioe' fejn id-dokumentazzjoni relattiva tindika li l-importaturi kienu l-imsemmija ditti (dokumenti markati bhala MG1, MG2, MG3, MG4 u MG5), fil-fatt l-istess importazzjonijiet saru mir-rikorrenti pro et noe pero' fuq isem importaturi ohra.

Minn naha tieghu r-rikorrent isostni li huwa kien fil-fatt jimporta l-hut ghal xi *suppliers* fuq isem l-istess suppliers u mhux fil-kapacita' personali tieghu. Jgħid illi r-rwol tiegħu kien biss ta' *customs agent* u huwa f'ismu propju jew ghan-nom tal-imsemmija socjeta' kummercjali ma kienx jagħmel ebda importazzjoni stanye li huwa mhux importatur.

Xhud iehor, Louis Calleja, qal li l-ordnijiet li kien jaghmel ir-rikorrent f'isem il-kumpanija tiegħu kienu jingabru '*mill-impjegati tieghi*' u dan minhabba illi '*l-kaxxi kienu jkunu ta' C&L Calleja*'. Gaetano Borg ukoll fisser li r-rikorrent - "*kien jopera ta' customs broker ghall-kumpanija tieghu u ghaldaqstant meta kienet tasal l-ordni, kienu jmorru impjegati tiegħu sabiex jigbru l-kaxex tal-hut.*"

Nonostante l-imsemmija deposizzjonijiet ta' Louis Calleja u ta' Gaetano Borg, mill-provi jirriżulta li r-rikorrent Kevin Attard kien ikun id-dikjarant u l-firmatarju f'kull dokument sottomess lil tad-Dwana. Ma jirriżultax illi dawn id-dikjarazzjonijiet saru filwaqt illi l-istess rikorrent kien qed jaġixxi f'isem u ghan-npm ta' ħaddieħor. Kwindi jista jinghad li jirriżulta illi r-rikorrent Kevin Attard kien qed jaġixxi f'ismu f'dawn l-importazzjonijiet. Jirrizulta kjarament li d-dikjarazzjonijiet doganali saru minn Kevin Attard kif ukoll il-ħlas lid-dwana jirrizulta li sar ukoll minn Kevin Attard.

Jirrizulta ukoll li r-rikorrent kien igawdi minn ekslussivita' fir rigward ta' importazzjoni ta' ħut frisk mill-Oman, filwaqt li l-istess rikorrent lanqas ma seta jimporta ħut fuq ismu, stante li ma kellux il-liċenzja relattiva necessarja sabiex jagħmel tali importazzjoni. Konsegwentement jirriżulta suffiċjentament ippruvat illi minbarra r-rwol ta' Kevin Attard bħala "customs clearing agent" u ċioe li kien jipproċessa d-dokumenti għall-importazzjoni ta' ħut frisk, huwa kien ukoll l-importatur ta' ħut frisk u dan ukoll a bażi tal-esklussivita' ta' importatur ta' hut li kien igawdi mal-Oman.

Ghalhekk ir-rikorrent kien effettivament l-importatur tal-hut mill-imsemmi pajiz u konsegwentement għandu jigi ritenut

li hu responsabbli ghal-allegat debitu li kellu fil-konfront tal-intimat Agent Kontrollur tad-Dwana.

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti biex issib li l-Kontrollur kellu kull jedd li jitlob il-ħlas mingħand Kevin Attard u li Kevin Attard ma ppruvax dak minnu allegat li semmai jekk kien hemm xi hlasijiet dovuti lid-Dwana, kienu hekk dovuti minn terzi u kwindi t-talba tar-rikorrent Kevin Attard kif kontenuta fir-rikors promotur tieghu jishoqqilha li tigi rigettata.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent Kevin Attard.

Spejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi filwaqt li qed tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimat Agent Kontrollur tad-Dwana, tichad it-talba tar-rikorrent.

L-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorent propio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------